



2023/2638

22.11.2023

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/2638

tal-20 ta' Novembru 2023

li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2024 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħra, u kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.
- (2) Il-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali ma' daww l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-oġġettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS) kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokatati fost l-Istati Membri b'tali mod li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew saġda.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, billi jitqiesu l-implikazzjonijiet bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, u filwaqt li jitqiesu l-opinjoni espressi matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-arinja u tal-laċċa kaħla fil-Baħar Baltiku u għas-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet. L-għan ta' dak il-pjan huwa li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li, għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu f'fissati f'konformità mar-regoli stabbiliti f'daww il-pjanijiet pluriennali.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/1139, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu f'fissati biex tinkiseb il-mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY, espressa f'meded, mill-aktar fis possibbli u fuq bażi progressiva u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020. Il-limiti tal-qbid applikabbli fl-2024 għall-istokkijiet rilevanti fil-Baħar Baltiku jenħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli u l-oġġettivi tal-pjan pluriennali stabbiliti minn dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-arinja u l-laċċ kaħla fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

- (6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ippubblika l-parir annwali tiegħu għall-istokkijiet tal-Baltiku fil-31 ta' Mejju 2023.
- (7) Hemm ċerti stokkijiet koperti bir-Regolament (UE) 2016/1139 li għalihom l-ICES jirrakkomanda qabdiet żero. Madankollu, kieku t-TACs jiġu stabbiliti fil-livelli rakkomandati, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż il-qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet f'sajd imħallat, iwassal għall-fenomeni ta' "speċi bi kwota limitanti". Speċi bi kwota limitanti hija speċi b'nuqqas ta' kwota li tista' twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqaf jistad anke jekk ikun għad għandhom kwota għal speċijiet oħra. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, minħabba l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY. Jenħtieġ li dawk it-TACs għal qabdiet aċċessorji jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u jipprovdu inċentivi biex tittejjeb is-selettività u biex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn dawk l-istokkijiet jiġu ffissati f'livelli li jgħinu biex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.
- (8) Skont l-ICES, il-maġġoranza l-kbira tas-sajd fil-Baħar Baltiku għandu mill-inqas xi livell ta' taħlit bejn l-ispeċijiet. Dak it-taħlit jikkonċerna kemm speċijiet ġestiti minn TAC tal-Unjoni kif ukoll speċijiet mhux ġestiti minn TAC. L-aktar livell importanti ta' taħlit iseħħ bejn l-ispeċijiet pelaġiċi u l-ispeċijiet demersali. Għall-2024, l-ICES jagħti parir li ma jsir l-ebda qbid tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tas-salamun fil-baċir ewlieni. Barra minn hekk, il-parir ta' prekawzjoni tal-ICES għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent huwa estremament baxx. Għalhekk, jekk it-TACs għal dawn l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livelli rakkomandati mill-ICES, dan iwassal biex bastimenti li jistadu għall-barbun tat-tbajja' b'mod partikolari jieqfu mis-sajd fl-2024. Abbażi tad-data mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq għall-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura (EUMOFA), il-valur tal-ewwel bejgħ tas-sajd tal-barbun tat-tbajja' li jista' jinqabad fil-limiti tat-TACs proposti huwa stmat għal EUR 24,5 miljun. Ħafna attivajiet tas-sajd, b'mod partikolari s-sajd kostali fuq skala żgħira, għal speċijiet mhux ġestiti minn TAC tal-Unjoni, b'mod partikolari speċijiet oħra ta' ħut ċatt, ikun jeħtieġ ukoll li jieqfu fl-2024. Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC għall-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet bi kwota limitanti tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, u tas-salamun fil-baċir ewlieni taħt ċerti kundizzjonijiet.
- (9) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, l-ICES jistma li l-bijomassa tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant għadha taħt il-punt ta' referenza ta' limitu għall-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu huwa possibbli li l-kapaċità riproduttiva titnaqqas (Blim) u bilkemm żdiedet meta mqabbla mal-2022. Għalhekk, għall-ħames sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma jinqabad l-ebda bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant. F'dawn iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhuma. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu stabbiliti f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat li jseħħ il-fenomeni ta' speċijiet bi kwoti limitanti.
- (10) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES iddegrada l-parir tiegħu, minħabba inċertezzi kontinwi, għal parir ta' prekawzjoni. Issa jidher li l-istokk ilu taħt il-Blim għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 15-il sena u fl-2022 kien f'livell storikament baxx. Il-parir ta' prekawzjoni dwar il-qbid huwa f'livell baxx ħafna. F'dawn iċ-ċirkostanzi, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq, u li jinżammu l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, u li jingħalaq is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli jiġu ffissati f'livell baxx filwaqt li jiġi evitat li jseħħ il-fenomeni ta' speċijiet bi kwoti limitanti.
- (11) Fir-rigward tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31 tal-ICES, l-ICES żamm mal-parir tiegħu li ma jsir l-ebda qbid, illimita l-possibbiltà tas-sajd kostali immirat kontinwu li jsir fis-sajd għas-subdiviżjoni 31 tal-ICES u naqqas il-parir tiegħu dwar il-qbid skont dan. Skont ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jixraq li ż-żona tas-sajd u l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd jiġu aġġustati f'konformità mal-parir tal-ICES, u li l-miżuri ta' rimedju, li huma marbuta b'mod funzjonali, jinżammu kif inhuma.

- (12) Sabiex jiġi żgurati l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali fis-subdiviżjoni 32 tal-ICES, fl-2019 ġiet introdotta flessibilità limitata bejn iż-żoni għas-salamun bejn is-subdiviżjonijiet 22 sa 31 tal-ICES u s-subdiviżjoni 32 tal-ICES. Minħabba l-bidliet fl-opportunitajiet tas-sajd għal dawk iż-żewġ stokkijiet, jixraq li dik il-flessibilità tinżamm.
- (13) Il-projbizzjoni tas-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi u l-limitazzjoni tal-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabda kkombinata tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikkontribwew għat-tnaqqis sostanzjali tar-rapportar ħażin sinifikanti li sar preċedentement dwar il-qabdiet fis-sajd għas-salamun, b'mod partikolari bħala qabdiet tat-trota tal-baħar. Għalhekk, jixraq li jinżammu r-restrizzjonijiet eżistenti sabiex jinżamm livell baxx ta' rapportar ħażin.
- (14) Jenħtieġ li l-miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw u s-salamun, u l-miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun ikunu mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (15) Fir-rigward tal-aringa fil-Golf ta' Bothnia, li s-sajd għaliha huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira, l-ICES ipprova parir dwar l-MSY b'meded ta' qabdiet. Fl-istess ħin, il-bijomassa ta' dak l-istokk tinsab taħt il-punt ta' referenza li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa (Btrigger), u hemm probabbiltà li l-istokk jinżel taħt il-Blim fl-2025. F'dawn iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd fil-medda inferjuri tal-mortalità mis-sajd li tirriżulta fl-MSY (FMSY).
- (16) Fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tal-istokk żdiedet, hija biss 71 % tal-Blim. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ għadu flivell storikament baxxi u l-bijomassa mhijiex mistennija li fl-2025 tirkupra 'l fuq mill-Blim. Għalhekk, għas-sitt sena konsekuttiva, l-ICES jagħti l-parir li ma tinqabad l-ebda aringa tal-Baltiku tal-Punent. F'dawk iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li s-sajd immirat jinżamm magħluq u li l-opportunitajiet tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji inevitabli jiġu stabbiliti flivell baxx filwaqt li jiġi evitat li jseħħ il-fenomeni ta' speċijiet bi kwoti limitanti.
- (17) Fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku Ċentrali, li s-sajd tagħha huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira, l-ICES ipprova parir dwar l-MSY b'meded ta' qabdiet. Fl-istess ħin, l-ICES jistma li l-bijomassa ta' dak l-istokk kien taħt il-B_{lim} għall-biċċa l-kbira ta' dawn l-aħħar 30 sena, inkluż f'dawn l-aħħar snin, u li hemm probabbiltà li l-bijomassa ta' dak l-istokk jibqa' taħt il-B_{lim} fl-2025. F'dawk iċ-ċirkostanzi, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li jiġu ffixxati l-opportunitajiet tas-sajd fil-medda inferjuri tal-FMSY u li jiġi stabbilit għeluq fiż-żmien riproduttiv għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir pelaġiku bħala miżura ta' rimedju addizzjonali funzjonalment marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd.
- (18) Fir-rigward tal-aringa fil-Golf ta' Riga, l-ICES jistma li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill-Btrigger u l-pressjoni tas-sajd flivell tal-FMSY. Għaldaqstant, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd fil-valur tal-punt tal-FMSY.
- (19) Fir-rigward tal-barbun tat-tbajja', l-ICES jistma li l-bakkaljaw jinqabad bħala aċċessorju fis-sajd għall-barbun tat-tbajja'. Għaldaqstant, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-barbun tat-tbajja' taħt l-anqas valur fil-medda tal-F_{MSY}.
- (20) Fir-rigward tal-laċċa kaħla, l-ICES jistma li filwaqt li l-bijomassa tinsab 'il fuq mill-B_{trigger}, ma kien hemm l-ebda reklutaġġ qawwi mill-2014 'l hawn. Barra minn hekk, l-ICES jistma li r-reklutaġġ fl-2021 u l-2022 kien storikament baxx. Barra minn hekk, is-sajd għal-laċċa kaħla spiss ikun sajd imħallat fejn il-laċċa kaħla tinstad flimkien mal-aringi. Għaldaqstant, skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal-laċċa kaħla fil-medda korrispondenti inferjuri tal-F_{MSY}.

- (21) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu dwar ir-reġistrar tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u l-Artikolu 34 tiegħu dwar it-trażmissjoni tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet relatati mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li l-Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni.
- (22) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, inkluż, skont l-Artikoli 3 u 4 tiegħu, dispożizzjonijiet dwar il-flessibilità għall-istokkijiet soġġetti għat-TACs prekawżjonarji u analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiffissa t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' flessibilità minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, sabiex tiġi evitata flessibilità eċċessiva li ddgħajef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, li tfixx l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u li tikkawża d-deterjorament tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod espliċitu li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw għat-TACs biss meta ma tintużax il-flessibilità minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (23) Il-bijomassa tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant, tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent u tal-arina tal-Baltiku tal-Punent tinsab taħt il-B_{lim}. Għal dawk l-istokkijiet kollha huma permessi biss qabdiet inċidentali, sajd xjentifiku u, fil-każ tal-arina tal-Baltiku tal-Punent, sajd kostali fuq skala żgħira huwa permess fl-2024. Għalhekk, u minħabba r-reżiljenza relattivament baxxa tal-ekosistema tal-Baħar Baltiku, l-Istati Membri li għandhom sehem mill-kwota tat-TACs rilevanti impenjaw ruħhom li ma japplikawx il-flessibilità minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għal dawk l-istokkijiet fl-2024 sabiex il-qabdiet fl-2024 ma jaqbżux it-TACs rilevanti. Barra minn hekk, fis-subdiviżjonijiet 22 sa 30 tal-ICES, il-bijomassa ta' kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun tax-xmajjar tinsab taħt il-punt ta' referenza tal-limitu għall-produzzjoni tas-salamun żgħir (R_{lim}), u fl-2024 huma permessi biss il-qabdiet aċċessorji u s-sajd xjentifiku. Għalhekk, l-Istati Membri rilevanti impenjaw ruħhom b'mod simili rigward il-flessibilità minn sena għal sena fir-rigward tal-qabdiet tas-salamun tal-baċir ewlieni fl-2024.
- (24) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 ⁽⁵⁾ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2023 fid-diviżjoni 3a tal-ICES ("Skagerrak-Kattegat"), fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES ("il-Baħar tat-Tramuntana"). L-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja huwa mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Ottubru. L-Unjoni u r-Renju Unit kellhom konsultazzjonijiet bilaterali skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ⁽⁶⁾ fis-16 ta' Ottubru 2023 u qablu dwar TAC abbażi tal-parir tal-ICES ippubblikat fid-9 ta' Ottubru 2023. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni ġew iddokumentati fir-Rekord bil-Miktub, li ġie approvat mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2023 u ffirmat mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u mill-Kap tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 498(6) ta' dak il-Ftehim u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 ⁽⁷⁾. Għaldaqstant, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024 jenħtieġ li jiġu f'fissati fil-livell stabbilit f'dak ir-Rekord bil-Miktub.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

- (25) Ir-Regolament (UE) 2023/194 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fis-subżona 4 tal-ICES, id-diviżjoni 6a u d-diviżjoni 3a (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Punent tal-Iskozja, Skagerrak) għall-2023, abbażi tal-eżitu tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn l-Unjoni, in-Norveġja u r-Renju Unit għall-2024, kif iddokumentat fir-Rekord Maqbul iffirmit fid-9 ta' Diċembru 2022. Sabiex ikun iggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd, huwa xieraq li tkun permessa l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn uħud minn dawk iż-żoni tat-TAC fejn huwa kkonċernat l-istess stokk bijoloġiku. Għalhekk huwa xieraq li tiġi introdotta flessibilità bejn iż-żoni tal-kwoti tal-Istati Membri għall-merluzz tal-linja sewda sa 10 % mill-Baħar tat-Tramuntana għall-ilmijiet tal-Unjoni ta' Skagerrak-Kattegat.
- (26) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu ⁽⁸⁾ jipprevedu li l-Unjoni għandha tirċievi mill-Gvern ta' Greenland 7,7 % tat-TAC għall-kapelin (*Mallotus villosus*) li jinqabad fl-ilmijiet ta' Greenland fis-subżoni 5 u 14 tal-ICES. Fil-5 ta' Ottubru 2023, il-Gvern ta' Greenland informa lill-UE li, abbażi tal-parir xjentifiku intermedju ppubblikat mill-Istitut Iżlandiż tar-Riċerka tal-Baħar u tal-Ilma Ħelu, li skontu l-qabdi "fix-xitwa 2023/2024" ma għandhomx ikunu aktar minn zero tunnelli, il-Gvern tal-Greenland bħalissa mhuxwix f'pożizzjoni li joffri l-kapelin lill-Unjoni għall-perjodu korrispondenti. Sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku finali, li jista' jippermetti lill-Gvern ta' Greenland joffri l-kapelin lill-Unjoni, l-opportunitajiet tas-sajd għal dak l-istokk fir-Regolament (UE) 2023/194 jenħtieġ għaldaqstant li jiġu mmarkati "Għandhom jiġu stabbiliti".
- (27) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2023/194 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (28) Biex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament relatati mal-Baħar Baltiku jibdeu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES, fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES, u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024, peress li dak huwa l-istaġun tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-merluzz tal-linja sewda fis-subżona 4, id-diviżjoni 6a u d-diviżjoni 3a tal-ICES (il-Baħar tat-Tramuntana, il-Punent tal-Iskozja, Skagerrak) mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023, sabiex jiġi ggarantit l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2023. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2024 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra ffissati bir-Regolament (UE) 2023/194.

⁽⁸⁾ ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3. L-Unjoni approvat il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2043 tat-18 ta' Novembru 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu (ĠU L 418, 24.11.2021, p. 1).

*Artikolu 2***Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.
2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv meta dan jissema b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "subdiviżjoni" tfisser subdiviżjoni tal-Baħar Baltiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) kif definita fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾;
- (2) "qabda totali permissibbli (TAC)" tfisser:
 - (a) fil-każ tas-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu tal-ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;
 - (b) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk kull sena;
- (3) "kwota" tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (4) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, pereżempju għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;
- (5) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament ta' dak l-istokk, kif ukoll fuq indikaturi, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex tagħti parir xjentifiku;
- (6) "TAC analitika" tfisser TAC li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;
- (7) "TAC prekawzjonarja" tfisser TAC li għaliha ma tkunx disponibbli valutazzjoni analitika, u minflok tkun disponibbli valutazzjoni bbażata fuq l-approċċ prekawzjonarju jew ma tkunx disponibbli l-ebda valutazzjoni.

*KAPITOLU II***Opportunitajiet tas-sajd***Artikolu 4***TACs u allokkazzjonijiet**

It-TACs, il-kwoti u, fejn xieraq, il-miżuri marbuta b'mod funzjonali magħhom, huma stabbiliti fl-Anness.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

*Artikolu 5***Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri stabbilita f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju:
 - (a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (b) għat-tnaqqis u għar-riallokazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
 - (c) għall-ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (d) għall-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
 - (e) għat-tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.
2. L-istokkijiet soġġetti għat-TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament.
3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness għal dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikawx meta Stat Membru juża l-flessibilità minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*Artikolu 6***Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji**

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux immirati fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li għalihom tapplika ad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti huma identifikati fit-tabelli tat-TAC rilevanti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 7***Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-bakkaljaw**

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.
2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-każ ta':
 - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
 - (c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 25 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daq tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 50 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul.

3. Għandu jkun ipprojbit is-sajd bi kwalunkwe tip ta' rkaptu tas-sajd fis-subdiviżjonijiet 22 u 23 mill-15 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u fis-subdiviżjoni 24 mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Awwissu.
4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għall-każijiet li ġejjin:
 - (a) operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241;
 - (b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil jew bil-pariti, bil-konzijiet tal-qiegħ, bil-konzijiet, bil-konzijiet tal-wiċċ, bix-xlief u bl-irkaptu tat-trejix jew b'irkaptu passiv simili f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti;
 - (c) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fis-subdiviżjoni 24 għal stokkijiet pelaġiċi għall-konsum dirett mill-bniedem, bl-użu ta' rkapti b'daqg tal-malja ta' 45 mm jew inqas, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 40 metru skont il-koordinati fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u li l-ħatt l-art tagħhom jiġi magħżul;
 - (d) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu bil-gangmi għall-molluski bivalvi fis-subdiviżjoni 22, f'żoni fejn il-fond tal-ilma jkun inqas minn 20 metru skont il-koordinati ta' fuq il-mappa nawtika uffiċjali li tinħareġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.
5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), u fil-paragrafu 4, il-punti (b) u (c), għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru kompetenti.

Artikolu 8

Għeluq għall-protezzjoni tar-riproduzzjoni tal-aringi fis-subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għal speċijiet pelaġiċi bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir pelaġiku matul il-perjodi li ġejjin:

- fis-subdiviżjonijiet 25 u 26 mill-1 ta' April sat-30 ta' April,
- fis-subdiviżjonijiet 27 u 28.2 mis-16 ta' April sal-15 ta' Mejju,
- fis-subdiviżjonijiet 29 u 32 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju.

Artikolu 9

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-subdiviżjonijiet 22 sa 26

Is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw għandu jkun ipprojbit fis-subdiviżjonijiet 22 sa 26.

Artikolu 10

Mizuri dwar is-sajd rikreattiv għas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31

1. Is-sajd rikreattiv tas-salamun għandu jkun ipprojbit fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31. Kull kampjun ta' salamun li jinqabad b'mod aċċidentali għandu jiġi rilaxxat lura fil-baħar minnufih.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, is-sajd rikreattiv tas-salamun għandu jkun permess bil-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
 - (a) kull sajjied rikreattiv ma jistax jaqbad u jżomm aktar minn kampjun wieħed kuljum ta' salamun bil-pinen maqtuġhin;

- (b) wara li s-sajjed rikreattiv jaqbad l-ewwel salamun bil-pinen maqtugħin, huwa għandu jieqaf jistad għas-salamun għall-bqija tal-ġurnata;
- (c) il-kampjuni kollha ta' kwalunkwe speċi ta' ħut miżmuma għandhom jinħattu l-art sħaħ.
3. B'deroga ulterjuri mill-paragrafu 1, is-sajd rikreattiv għas-salamun għandu jkun permiss fis-subdiviżjoni 31 mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu f'żoni sa erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi.
4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 11

Miżuri għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tat-trota tal-baħar u tas-salamun fis-subdiviżjonijiet 22 sa 32

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għat-trota tal-baħar lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjonijiet 22 sa 32. Meta jsir is-sajd għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjoni 32, il-qabdiet aċċessorji tat-trota tal-baħar ma għandhomx jaqbz u t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-trota tal-baħar abbord fi kwalunkwe mument jew meta jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.
2. Is-sajd bil-konzizzjiet għat-trota tal-baħar jew għas-salamun lil hinn minn erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-subdiviżjonijiet 22 sa 31 għandu jkun ipprojbit.
3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti skont l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 12

Trażmissjoni tad-data

Meta l-Istati Membri jibagħtu data relatata mal-kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda jew li jinħattu l-art lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 13

Emendi għar-Regolament (UE) 2023/194

Ir-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Anness IA, il-Parti B, it-tabella dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja (*Trisopterus esmarkii*) fid-diviżjoni 3a tal-ICES ("Skagerrak-Kattegat"), fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES ("il-Baħar tat-Tramuntana") hija sostitwita b'dan li ġej:

| “Speċi: | Merluzz tan-Norveġja u qabdiet aċċessorji assoċjati <i>Trisopterus esmarkii</i> | | Żona: | 3a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni ta’ 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta’ 2a (NOP/2A3A4.) |
|-------------------|---|-------------------------|---|---|
| Sena | 2023 | 2024 | | |
| Id-Danimarka | 49 478 ⁽¹⁾⁽³⁾ | 8 226 ⁽¹⁾⁽⁶⁾ | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 9 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾ | 2 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽⁶⁾ | L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| In-Netherlands | 36 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾ | 6 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽⁶⁾ | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| L-Unjoni | 49 524 ⁽¹⁾⁽³⁾ | 8 234 ⁽¹⁾⁽⁶⁾ | | |
| Ir-Renju Unit | 10 204 ⁽²⁾⁽³⁾ | 2 058 ⁽²⁾⁽⁶⁾ | | |
| In-Norveġja | 0 ⁽⁴⁾ | 0 ⁽⁴⁾ | | |
| Il-Gżejjer Faeroe | 0 ⁽⁵⁾ | 0 ⁽⁵⁾ | | |
| TAC | 59 728 | 10 292 | | |

⁽¹⁾ Sa 5 % tal-kwota tista’ tikkonsisti minn qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/*2A3A4). Il-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, f’daqqa ma għandhomx jaqtbzu 9 % tal-kwota.

⁽²⁾ Il-kwota tista’ tinqabad biss fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żoni tal-ICES 2a, 3a u 4.

⁽³⁾ Tista’ tinqabad biss mill-1 ta’ Novembru 2022 sal-31 ta’ Ottubru 2023.

⁽⁴⁾ Għandu jintuża għarbiel.

⁽⁵⁾ Għandu jintuża għarbiel. Dan l-ammont jinkludi massimu ta’ 15 % ta’ qabdiet aċċessorji inevitabli (NOP/*2A3A4), li għandhom jinqatgħu minn din il-kwota.

⁽⁶⁾ Tista’ tinqabad biss mill-1 ta’ Novembru 2023 sal-31 ta’ Ottubru 2024.”;

(2) fl-Anness IA, il-Parti B, it-tabella dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) fis-Subżona 4 tal-ICES u fl-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a tal-ICES hija sostitwita b’dan li ġej:

| “Speċi: | Merluzz tal-linja sewda <i>Melanogrammus aeglefinus</i> | | Żona: | 4; l-ilmijiet tar-Renju Unit ta’ 2a (HAD/2AC4.) |
|----------------|---|-------------------|--|--|
| Il-Belġju | 363 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | TAC analitika | |
| Id-Danimarka | 2 495 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | Japplika l-Artikolu 8(2) ta’ dan ir-Regolament | |
| Il-Ġermanja | 1 588 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| Franza | 2 768 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| In-Netherlands | 272 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| L-Iżvezja | 223 | ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |

| | |
|---------------|--------------------------|
| L-Unjoni | 7 709 ^{(1) (2)} |
| In-Norveġja | 13 432 ⁽³⁾ |
| Ir-Renju Unit | 37 261 |
| TAC | 58 402 |

⁽¹⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 10 % minn din il-kwota jista' jinqabad fl-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30'N (HAD/*6AN58).

⁽²⁾ Kundizzjoni speċjali: sa 10 % minn din il-kwota jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 3a (HAD/*03 A-C)

⁽³⁾ 11 182 tunnellata minn din il-kwota jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni (HAD/*04-EU). Il-qabdiet li jinqabdu fil-limiti ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kundizzjoni speċjali: fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma tistax tinqabad aktar mill-kwantità mogħtija hawn taħt fiż-żoni li ġejjin: l-ilmijiet Norveġiżi ta' 4 (HAD/*04N-)

| | |
|----------|----------------------|
| L-Unjoni | 4 774 ^a ; |
|----------|----------------------|

(3) fl-Anness IB, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin (*Mallotus villosus*) fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġejj:

| "Speċi: | Kapelin <i>Mallotus villosus</i> | Żona: | L-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 (CAP/514GRN) |
|------------------------|--|---|--|
| Id-Danimarka | Għadhom jiġu stabbiliti | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | Għadhom jiġu stabbiliti | L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| L-Iżvezja | Għadhom jiġu stabbiliti | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika. | |
| L-Istati Membri kollha | Għadhom jiġu stabbiliti ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni | Għadhom jiġu stabbiliti ^{(2) (3)} | | |
| In-Norveġja | Għadhom jiġu stabbiliti ⁽³⁾ | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

⁽¹⁾ Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja jista' jkollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri kollha" biss ladarba jkun eżawrew il-kwota ta' tagħhom stess. Madankollu, l-Istati Membri li jkollhom iktar minn 10 % mill-kwota tal-Unjoni ma għandu bl-ebda mod ikollhom aċċess għall-kwota tal-"Istati Membri kollha". Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (CAP/514GRN_AMS).

⁽²⁾ Is-sajd jista' jibda meta l-Unjoni taċċetta offerta għal tali kwoti mill-awtoritajiet ta' Greenland fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (*). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet ta' tagħhom ma jaqbżux il-kwantità li jirċievu mill-awtoritajiet ta' Greenland, wara tnaqqis tal-kwantitajiet trasferiti lin-Norveġja.

⁽³⁾ Għal perjodu tas-sajd mill-15 ta' Ottubru 2023 sal-15 ta' April 2024.

(*) ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3.

*Artikolu 14***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2024.

B'deroga mit-tieni paragrafu:

- (a) l-Artikolu 13, il-punt (1), għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Ottubru 2024;
- (b) l-Artikolu 13, il-punt (2) għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
H. CREVITS

ANNEX

TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI LI GĦALIHOM JEŻISTU TACs SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA

It-tabelli li ġejjin jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, għajr fejn ikun speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u l-miżuri marbutin b'mod funzjonali magħhom.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES.

L-istokkijiet tal-ħut jissemnew skont l-ordni alfabetika tal-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tiġi pprovduta t-tabella komparattiva li ġejja tal-ismijiet xjentifiċi u l-ismijiet komuni:

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|------------------------------|---------------|-----------------------|
| <i>Clupea harengus</i> | HER | Aringa |
| <i>Gadus morhua</i> | COD | Bakkaljaw |
| <i>Pleuronectes platessa</i> | PLE | Barbun tat-tbajja' |
| <i>Salmo salar</i> | SAL | Salamun tal-Atlantiku |
| <i>Sprattus sprattus</i> | SPR | Laċċa kaħla |

Tabella 1

| Speċi: | Aringa <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Is-subdiviżjonijiet 30-31 (HER/30/31.) |
|--------------|----------------------------------|---------------|---|
| Il-Finlandja | 45 092 | TAC analitika | |
| L-Iżvezja | 9 908 | | |
| L-Unjoni | 55 000 | | |
| TAC | 55 000 | | |

Tabella 2

| Speċi: | Aringa <i>Clupea harengus</i> | Żona: | Is-subdiviżjonijiet 22-24 (HER/3BC+24) |
|--------------|----------------------------------|--|---|
| Id-Danimarka | 110 ⁽¹⁾ | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 435 ⁽¹⁾ | L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Il-Finlandja | 0 ⁽¹⁾ | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Il-Polonja | 103 ⁽¹⁾ | | |
| L-Iżvezja | 140 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni | 788 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | 788 ⁽¹⁾ | | |

- ⁽¹⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.
- B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-aringa, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.
- B'deroga mill-ewwel paragrafu, is-sajd ta' din il-kwota huwa permess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul totali ta' inqas minn 12-il metru li jistadu bl-għeżula, bl-għeżula tat-tħabbil, bix-xlief, bix-xbieki mirfuda f'post fiss jew bi rkapti tat-trejjix. Il-kaptani ta' dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tkun tista' tiġi mmonitorjata f'kull ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru kompetenti.

Tabella 3

| Speċi: | Aringa | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 25-27, 28.2, 29 u 32 (HER/3D-R30) |
|--------------|------------------------|--|--|
| | <i>Clupea harengus</i> | | |
| Id-Danimarka | 888 | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 235 | L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| L-Estonja | 4 535 | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Il-Finlandja | 8 853 | | |
| Il-Latvja | 1 119 | | |
| Il-Litwanja | 1 178 | | |
| Il-Polonja | 10 057 | | |
| L-Iżvezja | 13 503 | | |
| L-Unjoni | 40 368 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

Tabella 4

| Speċi: | Aringa | Żona: | Is-subdiviżjoni 28.1 (HER/03D.RG) |
|-----------|------------------------|--|-----------------------------------|
| | <i>Clupea harengus</i> | | |
| L-Estonja | 17 529 | TAC analitika | |
| Il-Latvja | 20 430 | Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. | |
| L-Unjoni | 37 959 | | |
| TAC | 37 959 | | |

Tabella 5

| Speċi: | Bakkaljaw | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 25-32 (COD/3DX32.) |
|--|-------------------------------|---|--|
| | <i>Gadus morhua</i> | | |
| Id-Danimarka | 137 ⁽¹⁾ | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Ġermanja | 54 ⁽¹⁾ | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| L-Estonja | 13 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Finlandja | 10 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Latvja | 51 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Litwanja | 33 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Polonja | 159 ⁽¹⁾ | | |
| L-Iżvezja | 138 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni | 595 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | Mhux rilevanti ⁽¹⁾ | | |
| ⁽¹⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241. | | | |

Tabella 6

| Speċi: | Bakkaljaw | Żona: | Is-subdiviżjonijiet 22-24 (COD/3BC+24) |
|--|---------------------|---|---|
| | <i>Gadus morhua</i> | | |
| Id-Danimarka | 148 ⁽¹⁾ | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Ġermanja | 73 ⁽¹⁾ | L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| L-Estonja | 3 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Finlandja | 3 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Latvja | 12 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Litwanja | 8 ⁽¹⁾ | | |
| Il-Polonja | 40 ⁽¹⁾ | | |
| L-Iżvezja | 53 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni | 340 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | 340 ⁽¹⁾ | | |
| ⁽¹⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għall-bakkaljaw, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241. | | | |

Tabella 7

| | | | |
|--------------|--|--|--|
| Speċi: | Barbun tat-tbajja' <i>Pleuronectes platessa</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-32 (PLE/3BCD-C) |
| Id-Danimarka | 8 105 | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 900 | Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. | |
| Il-Polonja | 1 697 | | |
| L-Iżvezja | 611 | | |
| L-Unjoni | 11 313 | | |
| TAC | 11 313 | | |

Tabella 8

| | | | |
|--------------|---|--|--|
| Speċi: | Salamun tal-Atlantiku <i>Salmo salar</i> | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-31 (SAL/3BCD-F) |
| Id-Danimarka | 11 183 ⁽¹⁾⁽²⁾ | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 1 244 ⁽¹⁾⁽²⁾ | L-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| L-Estonja | 1 137 ⁽¹⁾⁽²⁾⁽³⁾ | L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. | |
| Il-Finlandja | 13 945 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| Il-Latvja | 7 113 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| Il-Litwanja | 836 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| Il-Polonja | 3 393 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| L-Iżvezja | 15 116 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| L-Unjoni | 53 967 ⁽¹⁾⁽²⁾ | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |

⁽¹⁾ Espress f'għadd ta' ħut individwali.

⁽²⁾ Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-operazzjonijiet tas-sajd li jsiru biss għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi jistgħu jiġu diretti għas-salamun tal-Atlantiku, dment li daww l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, is-sajd ta' din il-kwota huwa permess għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fis-subdiviżjoni 31 tal-ICES f'żoni sa erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi matul il-perjodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awwissu.

⁽³⁾ Kundizzjoni speċjali: fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjoni 32, jistgħu jiġu mistada sa massimu ta' 450 kampjun ta' din il-kwota (SAL/*3D32).

Tabella 9

| | | | |
|----------------|--------------------------------------|--------------------|---|
| Speċi: | Salamun tal-Atlantiku | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjoni 32 |
| | <i>Salmo salar</i> | | (SAL/3D32.) |
| L-Estonja | 1 040 ⁽¹⁾ | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Finlandja | 9 104 ⁽¹⁾ | | |
| L-Unjoni | 10 144 ⁽¹⁾ | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |
| ⁽¹⁾ | Espress f'għadd ta' ħut individwali. | | |

Tabella 10

| | | | |
|--------------|--------------------------|--|--|
| Speċi: | Laċċa kaħla | Żona: | L-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-32 |
| | <i>Sprattus sprattus</i> | | (SPR/3BCD-C) |
| Id-Danimarka | 19 827 | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 12 561 | Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. | |
| L-Estonja | 23 024 | | |
| Il-Finlandja | 10 379 | | |
| Il-Latvja | 27 807 | | |
| Il-Litwanja | 10 059 | | |
| Il-Polonja | 59 013 | | |
| L-Iżvezja | 38 330 | | |
| L-Unjoni | 201 000 | | |
| TAC | Mhux rilevanti | | |